



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

15831/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0429 (NLE)

ECOFIN 1253
UEM 402
FIN 1213

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-
valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Greċja

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta'...

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021
dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Greċja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (“RRP”) mill-Greċja fis-27 ta’ April 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fit-13 ta’ Lulju 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni (“id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021”)¹.
- (2) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli ta’ kull Stat Membru jenħtieġ li tiġi aġġornata sat-30 ta’ Ġunju 2022 f’konformità mal-metodoloġija pprovduta fih. Fit-30 ta’ Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat ir-riżultati ta’ dak l-aġġornament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (3) Fl-31 ta’ Awwissu 2023, il-Greċja ppreżentat RRP nazzjonali modifikat, li jinkludi kapitolu REPowerEU f’konformità mal-Artikolu 21c tar-Regolament (UE) 2021/241, lill-Kummissjoni.
- (4) L-RRP modifikat iqis ukoll il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata f’konformità mal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 u jinkludi talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta sabiex temenda d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill 13 ta’ Lulju 2021 f’konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 filwaqt li tqis li l-RRP parzjalment ma għadux jista’ jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Il-modifiki tal-RRP ippreżentati mill-Greċja jikkonċernaw 69 miżura.
- (5) Il-RRP modifikat jinkludi wkoll talba għal aktar appoġġ fil-forma ta’ self f’konformità mal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) 2021/241.

¹ Ara d-dokumenti ST 10152/2021 u ST 10152/2021 ADD 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

- (6) Fl-14 ta' Lulju 2023, il-Kunsill indirizza rakkomandazzjonijiet lill-Greċja fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Il-Kunsill irrakkomanda li l-Greċja, fost oħrajn, tkompli tibni fuq ir-riformi mwettqa bħala parti mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, inkluż biex ittejjeb il-faċilità għall-investment tas-sistema tat-tassazzjoni, tkabbar il-bażi tat-taxxa, issaħħaħ il-konformità tat-taxxa u tippreserva l-awtonomija operazzjonali tal-awtorità tat-taxxa. Barra minn hekk, il-Kunsill appella lill-Greċja biex tissalvagwardja l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika, issegwi t-tnaqqis kontinwu tas-self improduttiv, tiżgura aċċess adegwat u ugwali għall-kura tas-saħħa u tiffinalizza r-riforma tal-katast. Il-Kunsill irrakkomanda wkoll li l-Greċja tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq il-fjuwils fossili u tkompli taċċellera d-diversifikazzjoni tar-rotot tal-provvista tal-enerġija, tespandi l-użu tal-enerġija rinnovabbli, issaħħaħ in-network tal-elettriku u l-kapaċità tal-ħżin, iżżid it-twassil ta' miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika, inkluż miżuri mmirati għall-unitajiet domestiċi foqra fl-enerġija, tappoġġa d-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport, b'mod partikolari billi tippromwovi l-vetturi elettriki, u żżid l-isforzi ta' politika mmirati lejn il-forniment u l-akkwist tal-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika.
- (7) Il-preżentazzjoni tal-RRP modifikat segwiet proċess ta' konsultazzjoni, imwettaq f'konformità mal-qafas legali nazzjonali, bl-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Is-sommarju tal-konsultazzjonijiet ġie ppreżentat flimkien mal-RRP nazzjonali modifikat. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP modifikat, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V ta' dak ir-Regolament.

Talba għal self ibbażata fuq l-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) 2021/241

- (8) L-RRP modifikat ippreżentat mill-Greċja jinkludi talba għal self b'appoġġ għall-kanal ta' distribuzzjoni tal-miżura 16980 tal-istituzzjonijiet finanzjarji (il-Faċilità ta' Self tal-RRP). Dan jikkonċerna l-introduzzjoni ta' żewġ miri ġodda (325a u 326a) u stadju importanti ġdid (328a), u l-modifika tal-miri 326, 327 u 328.

Aġġornamenti bbażati fuq l-Artikolu (18(2) tar-Regolament (UE) 2021/241

- (9) L-RRP modifikat ippreżentat mill-Greċja jaġġorna disa' miżuri biex titqies il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata. Il-Greċja spjegat li minħabba li l-kontribuzzjoni finanzjarja massima naqset minn EUR 17 769 942 602¹ għal EUR 17 426 708 153¹, ma kienx għadu possibbli li jiġu ffinanzjati l-miżuri kollha tal-RRP oriġinali. Il-Greċja spjegat li ċerti miżuri għandhom jitneħħew jew jitnaqqsu fl-ambitu minħabba t-tnaqqis fl-allokazzjoni.

¹ Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara li jitnaqqas is-sehem proporzjonali tal-Greċja tal-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament.

- (10) L-RRP modifikat ma għadux jinkludi ċerti miżuri taħt il-komponenti 1,4 (Użu sostenibbli tar-riżorsi, reżiljenza għat-tibdil fil-klima u protezzjoni ambjentali), 2,1 (Connect), 2,2 (Modernizzazzjoni), 4,3 (Titjib tal-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja) u 4,6 (Modernizzazzjoni u titjib tar-reżiljenza ta' setturi ekonomiċi ewlenin). Dawk jikkonċernaw il-miżura 16962 (kejbils tal-fibra sottomarini) dwar l-użu ta' kejbils tal-fibra sottomarini li jgħaqqdu l-Greċja kontinentali mal-gżejjer tagħha u ma' Ċipru; miżura 16287 (Kontinwità tal-operat tas-settur pubbliku) dwar it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-operat fl-amministrazzjoni pubblika kollha; miżura 16723 (Bini ta' ħliet għal professjonisti kreattivi u kulturali); il-miżura 16970 (Awtostradi għan-Natura u l-Kultura) dwar it-titjib tal-infrastruttura fiżika u diġitali ta' monumenti u rotot ta' interess naturali u kulturali partikolari; il-miżura 16950 (Tolls Elettroniċi) dwar l-iżvilupp ta' sistema elettronika ta' pedaġġ fil-Greċja; u l-miżura 16592 (Faċilitazzjoni tal-kummerċ) dwar is-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi għall-kumpaniji li joperaw fil-Greċja biex jiġi ffaċilitat il-kummerċ. Għalhekk, jenħtieġ li d-deskrizzjoni ta' dawn il-miżuri u tal-istadji importanti u l-miri assoċjati tagħhom jitneħħew mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021.

- (11) Barra minn hekk, l-RRP modifikat ippreżentat mill-Greċja jibdel il-miżuri 16934 (Aġġornament tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali) taħt il-komponent 3,2 (Edukazzjoni, edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, u ħiliet); il-miżura 16685 (Sensibilizzazzjoni dwar id-diversità) taħt il-komponent 3,4 (Żieda fl-aċċess għal politiki soċjali effettivi u inklużivi); u l-miżura 16727 (Trasformazzjoni Diġitali tal-Ġustizzja (Ġustizzja Elettronika)) taħt il-komponent 4,3 (Titjib tal-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja) biex tiġi riflessa l-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata. B'mod partikolari, l-istadju importanti 152 tal-miżura 16934 (Titjib tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali) taħt il-komponent 3,2 (Edukazzjoni, edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, u ħiliet); l-istadju importanti 184 tal-miżura 16685 (Sensibilizzazzjoni dwar id-diversità) taħt il-komponent 3,4 (Żieda fl-aċċess għal politiki soċjali effettivi u inklużivi); u l-istadji importanti 229 u 239 tal-miżura 16727 (Trasformazzjoni Diġitali tal-Ġustizzja (Ġustizzja Elettronika)) taħt il-komponent 4,3 (Titjib tal-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja) jinbidlu biex jitnaqqas il-livell ta' implimentazzjoni meħtieġa meta mqabbel mal-RRP oriġinali biex tiġi riflessa l-allokazzjoni mnaqqsa. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (12) L-emendi għall-RRP ippreżentati mill-Greċja minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 60 miżura.

- (13) Il-Greċja spjegat li disa' miżuri huma emendati minħabba ostakli mhux mistennija, dewmien relatat mal-akkwist u t-trasferiment tad-drittijiet tal-proprietà. Dan jikkonċerna l-istadju importanti 39 tal-miżura 16932 (Ċentru Atletiku Olimpiku ta' Atena) taħt il-komponent 1.2 (Rinnovazzjoni); il-mira 80 tal-miżura 16283 (Implimentazzjoni ta' Ċentri Reġjonali tal-Protezzjoni Ċivili (PEKEPP) permezz ta' skemi PPP) taħt il-komponent 1.4 (Użu sostenibbli tar-riżorsi, reżiljenza għall-klima u protezzjoni ambjentali); l-istadju importanti 182 tal-miżura 16925 (Trasformazzjoni Diġitali tas-sistema ta' appoġġ soċjali) taħt il-komponent 3.4 (Żieda fl-aċċess għal politiki soċjali effettivi u inklużivi); istadju importanti 212 tal-miżura 16702 (It-titjib tal-qafas tal-AML/CFT) u l-miżura 16711 (Professjonalizzazzjoni tad-dominju tal-Akkwist Pubbliku) taħt il-komponent 4.2 (Modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, inkluż permezz tat-tħaffif tal-implimentazzjoni tal-investimenti pubbliċi, it-titjib tal-qafas tal-akkwist pubbliku, il-miżuri għall-bini tal-kapaċità u l-għieda kontra l-korruzzjoni); l-istadji importanti 247 u 249 tal-miżura 16624 (Ħolqien – espansjoni – aġġornament tal-infrastrutturi ta' ċentri ta' riċerka ssorveljati mis-Segretarjat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (General Secretariat for Research and Innovation, GSRI)) taħt il-komponent 4.5 (Promozzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni); stadji importanti 255 u 256 tal-miżura 16628 (l-Awtostrada tal-Greċja Ċentrali E-65: Trikala - Taqsima Egnatia), il-mira 261 u l-istadju importanti 262 tal-miżura 16630 (l-Awtostrada tat-Tramuntana ta' Kreta (B.O.A.K.)), l-istadju importanti 306 tal-miżura 16599 (Id-Diġitalizzazzjoni tan-Network tad-Diplomazija Ekonomika) kollha taħt il-komponent 4.6 (Modernizzazzjoni u titjib tar-reżiljenza tas-setturi ekonomiċi ewlenin). Abbażi ta' dan, il-Greċja talbet li l-kamp ta' applikazzjoni tal-istadji importanti u l-miri msemmija hawn fuq jiġu emendati jew li l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom tiġi estiża. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (14) Il-Greċja spjegat li miżura waħda ma għadhiex tista' tinkiseb fl-iskeda ta' żmien u lanqas fil-livell tal-kostijiet stmati fl-RRP oriġinali, minħabba inflazzjoni għolja, speċjalment tal-kostijiet tal-konstruzzjoni. Dan jikkonċerna l-istadju importanti 186 tal-miżura 16922 (Integrazzjoni Soċjali) taħt il-komponent 3,4 (Żieda fl-aċċess għal politiki soċjali effettivi u inklużivi). Abbażi ta' dan, il-Greċja talbet li l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-istadju importanti msemmi hawn fuq tiġi estiża. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata skont dan.

- (15) Il-Greċja spjegat li 15-il miżura huma emendati minħabba li sfidi speċifiċi għall-miżuri mhux previsti, bħal rekwiżiti legali u tekniċi aktar kumplessi milli kien previst fil-bidu, ikkawżaw dewmien fl-implimentazzjoni. Dan jikkonċerna l-istadju importanti 59 tal-miżura 16772 (Il-liġi dwar il-ġestjoni tal-iskart għall-implimentazzjoni ta' rimi sostenibbli fil-miżblat u riċiklaġġ) taħt il-komponent 1.4 (Użu sostenibbli tar-riżorsi, reżiljenza għall-klima u protezzjoni ambjentali); l-istadju importanti 136 tal-miżura 16750 (It-Trasformazzjoni Diġitali tas-Sistemi tax-Xogħol) taħt il-komponent 3.1 (Il-promozzjoni tal-ħolqien tal-impjiegi u l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol); l-istadju importanti 144 tal-miżura 16747 (Il-Politiki Attivi tas-Suq tax-Xogħol) taħt il-komponent 3.1 (Il-promozzjoni tal-ħolqien tal-impjiegi u l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol); l-istadju importanti 161 tal-miżura 16755 (Ir-Riforma tas-Sistema tal-Kura tas-Saħħa Primarja) taħt il-komponent 3.3 (It-titjib tar-reżiljenza, l-aċċessibbiltà u s-sostenibbiltà tal-kura tas-saħħa); l-istadju importanti 175 tal-miżura 16726 (L-Ottimizzazzjoni tal-Benefiċċji Soċjali) taħt il-komponent 3.4 (Iż-żieda fl-aċċess għal politiki soċjali effettivi u inklużivi); l-istadji importanti 176 u 179 tal-miżura 16904 (Id-diżabbiltà); l-istadju importanti 241 tal-miżura 16580 (L-implimentazzjoni tal-qafas unifikat il-ġdid tal-insolvenza għar-ristrutturar tad-dejn u t-tieni opportunità) taħt il-komponent 4.4 (It-tisħiħ tas-settur finanzjarju u s-swieq kapitali); l-istadju importanti 269 tal-miżura 16833 (L-implimentazzjoni tax-xogħlijiet ta' rettifika tal-konformità tal-EASA) taħt il-komponent 4.6 (Il-modernizzazzjoni u titjib tar-reżiljenza ta' setturi ekonomiċi ewlenin); l-istadju importanti 280 tal-miżura 16293 (Il-kultura bħala mutur tat-tkabbir) taħt il-komponent 4.6 (Il-modernizzazzjoni u titjib tar-reżiljenza ta' setturi ekonomiċi ewlenin); l-istadji importanti 293 u 298 tal-miżura 16975 (L-Aġġornament ta' Interventi għall-Portijiet Reġjonali) taħt il-komponent 4.6 (Il-modernizzazzjoni u t-titjib tar-reżiljenza ta' setturi ekonomiċi ewlenin); l-istadju importanti 295 tal-miżura 16931 (L-Iżvilupp tat-Turiżmu) taħt il-komponent 4.6 (Il-modernizzazzjoni u titjib tar-reżiljenza ta' setturi ekonomiċi ewlenin); l-istadju importanti 296 tal-miżura 16921 (It-Taħriġ mill-ġdid u Titjib tal-Ħiliet fit-Turiżmu) taħt il-komponent 4.6 (Il-modernizzazzjoni u titjib tar-reżiljenza ta' setturi ekonomiċi ewlenin); l-istadju importanti 304 tal-miżura 16634 (Parks Industrijali Ġodda) taħt il-komponent 4.6 (Il-modernizzazzjoni u titjib tar-reżiljenza ta' setturi ekonomiċi ewlenin); l-istadju importanti 317 tal-miżura 16543 (Azzjonijiet għas-simplifikazzjoni tal-ambjent tan-negozju u t-titjib tiegħu fil-kwalità u s-sikurezza) taħt il-komponent 4.7 (It-titjib tal-kompetittività u promozzjoni tal-investimenti u l-esportazzjonijiet privati). Abbażi ta' dan, Greċja talbet li l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-istadji importanti u l-miri msemmija hawn fuq tiġi estiża. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (16) Il-Greċja spjegat li 17-il miżura ġew emendati jew irtirati minħabba li sfidi mhux previsti speċifiċi għall-miżuri kienu jeħtieġu approċċ alternattiv biex jinkiseb l-oġġettiv tal-miżura jew wasslu għal hteġa li l-miżura tiġi adattata biex jinkisbu oġġettivi simili b'mod aktar effettiv. Dan jikkonċerna il-miżura 16831 (Produc- E Green) taħt il-komponent 1.3 (L-iċċarġjar u riforniment); l-istadji importanti 66, 71 u 74 tal-miżura 16850 (Il-Provvista tal-Ilma tax-Xorb u Infrastrutturi ta' Salvataġġ) taħt il-komponent 1.4 (L-użu sostenibbli tar-riżorsi, reżiljenza għall-klima u protezzjoni ambjentali); il-miżura 16882 (Proġetti ta' mitigazzjoni tal-ġhargħar) taħt il-komponent 1.4 (L-użu sostenibbli tar-riżorsi, reżiljenza għat-tibdil fil-klima u protezzjoni ambjentali); il-miżura 16898 (Proġetti tal-Provvista tal-Ilma) taħt il-komponent 1.4 (L-użu sostenibbli tar-riżorsi, reżiljenza għall-klima u protezzjoni ambjentali); l-istadji importanti 312 u 316 tal-miżura 16285 (Investimenti fin-network ta' irrigazzjoni nazzjonali permezz ta' skemi PPP) taħt il-komponent 1.4 (L-użu sostenibbli tar-riżorsi, reżiljenza għall-klima u protezzjoni ambjentali); l-istadju importanti 88 u l-mira 91 tal-miżura 16834 (Kurituri 5G – Żvilupp ta' networks 5G li għandhom jipprovdu kopertura tal-awtostradi Griegi kollha li huma parti min-Networks Trans-Ewropej tat-Trasport) taħt il-komponent 2.1 (Connect); l-istadju importanti 334 tal-miżura 16857 (Il-qlib għal konnessjonijiet broadband veloċi – Tranżizzjoni għal 100/200 Mbps (UltraFast) konnessjonijiet broadband u tisħiħ tad-domanda tal-Broadband Superveloċi) taħt il-komponent 2.1 (Connect); l-istadju importanti 242 tal-miżura 16576 (L-istabbiliment tal-Osservatorju tal-Espansjoni tal-Kreditu) taħt il-komponent 4.4 (It-tisħiħ tas-settur finanzjarju u s-swieq kapitali); l-istadji importanti 167 u 168 tal-miżura 16752 (It-Trasformazzjoni Diġitali tas-Saħħa (DigHealth)) taħt il-komponent 3.3 (It-titjib tar-reżiljenza, l-aċċessibbiltà u s-sostenibbiltà tal-kura tas-saħħa); l-istadju importanti 185 tal-miżura 16763 (Id-Diġitalizzazzjoni tas-Sistema tal-Migrazzjoni u l-Ażil) taħt il-komponent 3.4 (Iż-żieda fl-aċċess għal politiki soċjali effettivi u inklużivi);

l-istadji importanti 192 u 194 tal-miżura 16611 (It-trasformazzjoni diġitali tal-awditjar tat-taxxa) taħt il-komponent 4.1 (Nagħmlu t-taxxi aktar favorevoli għat-tkabbir u ntejbu l-amministrazzjoni tat-taxxa u l-ġbir tat-taxxa); l-istadju importanti 208 tal-miżura 16972 (Ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika) taħt il-komponent 4.2 (Il-modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, inkluż permezz tat-tħaffif tal-implimentazzjoni tal-investimenti pubbliċi, it-titjib tal-qafas tal-akkwist pubbliku, il-miżuri għall-bini tal-kapaċità u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni); l-istadji importanti 228 u 235 tal-miżura 16733 (Ħiliet u Ħiliet Diġitali għall-Imħallfin u l-Impjegati Ġudizzjarji), taħt il-komponent 4.3 (It-titjib tal-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja); l-istadju importanti 248 tal-miżura 16654 (TH²ORAX: Sistema Trellis Holistic & Hybrid Operational Ruggedized Autonomous eXemplary) taħt il-komponent 4.5 (Il-promozzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni); l-istadju importanti 268 tal-miżura 16982 (Ir-riforma organizzazzjonali fis-settur ferrovjarju) taħt il-komponent 4.6 (Il-modernizzazzjoni u t-titjib tar-reżiljenza ta' setturi ekonomiċi ewlenin); l-istadju importanti 285 tal-miżura 16725 (It-titjib tal-edukazzjoni għolja tal-arti) taħt il-komponent 4.6 (Il-modernizzazzjoni u t-titjib tar-reżiljenza ta' setturi ekonomiċi ewlenin); miżura 16954 (Interventi għall-aġġornament u r-riallokazzjoni tas-sistema u l-infrastruttura tan-network ferrovjarju Grieg) taħt il-komponent 4.6 (Il-modernizzazzjoni u t-titjib tar-reżiljenza ta' setturi ekonomiċi ewlenin). Abbażi ta' dan, il-Greċja talbet li l-kamp ta' applikazzjoni tal-istadji importanti u l-miri msemmija hawn fuq jiġu emendati jew irtirati, jew li l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tiġi estiża. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (17) Il-Greċja spjegat li parti minn miżura waħda eżistenti ma għadhiex tista' tinkiseb, minħabba l-konsegwenzi mhux previsti tal-kriżi tal-enerġija kkawżata mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja fl-Ukrajna. Dan jikkonċerna l-mira 15 tal-miżura 16871 (Azzjonijiet ta' rivitalizzazzjoni tat-territorji l-aktar affettwati (Territorji ta' tranżizzjoni ġusta)) taħt il-Komponent 1.1 (Power-up). Abbażi ta' dan, il-Greċja talbet li l-miri importanti msemmija hawn fuq jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (18) Il-Greċja spjegat li 10 miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu kompletament, minħabba interruzzjonijiet aktar baxxi milli mistenni fid-domanda u fil-katina tal-provvista. Dan jikkonċerna l-istadju importanti 34 u l-mira 35 tal-miżura 16876 (Aġġornament tal-enerġija tal-bini tas-settur pubbliku) taħt il-komponent 1.2 (Rinnovazzjoni); l-istadju importanti 110 tal-miżura 16780 (Modernizzazzjoni Ulterjuri tal-punti uniċi ta' servizz tal-Amministrazzjoni Pubblika) taħt il-komponent 2.2 (Modernizzazzjoni); l-istadju importanti 131 tal-miżura 16706 (Trasformazzjoni diġitali tal-SMEs) taħt il-komponent 2.3 (Id-diġitalizzazzjoni tan-negozji); l-istadju importanti 150 tal-miżura 16289 (Strateġija għall-Eċċellenza fl-Universitajiet u l-Innovazzjoni) taħt il-komponent 3.2 (L-edukazzjoni, edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali; u ħiliet); l-istadji importanti 177 u 178 tal-miżura 16919 (Il-protezzjoni tat-tfal) taħt il-komponent 3.4 (Iż-żieda fl-aċċess għal politiki soċjali effettivi u inklużivi); l-istadju importanti 181 tal-miżura 16945 (Il-ħolqien ta' unitajiet għall-indukrar tat-tfal f'kumpaniji kbar); l-istadju importanti 187 tal-miżura 16688 (Il-promozzjoni tal-integrazzjoni tal-popolazzjoni tar-refuġjati fis-suq tax-xogħol) taħt il-komponent 3.4 (Iż-żieda fl-aċċess għal politiki soċjali effettivi u inklużivi); l-istadju importanti 189 tal-miżura 16614 (cash registers online u POS) taħt il-komponent 4.1 (Nagħmlu t-taxxi aktar favorevoli għat-tkabbir u ntejbu l-amministrazzjoni tat-taxxa u l-ġbir tat-taxxa); il-mira 330 tal-miżura 16980 (Il-Faċilità ta' Self tal-RRP) taħt il-komponent 4.7 (It-Titjib tal-kompetittività u promozzjoni tal-investimenti privati u tal-esportazzjonijiet). Abbażi ta' dan, il-Greċja talbet li l-kamp ta' applikazzjoni tal-istadji importanti u l-miri msemmija hawn fuq jiġu emendati jew imnaqqsa. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (19) Il-Greċja talbet ukoll li tuża r-riżorsi li se jsiru disponibbli permezz tat-tneħħija tal-miżuri skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241 biex tinkludi erba' miżuri ġodda. Dan jikkonċerna investimenti li jtejbu l-prevenzjoni sismika u jżidu r-reżiljenza tal-infrastruttura fir-rigward tad-diżastri naturali, fl-istadju importanti 332 tal-miżura 16983 (Spezzjoni preliminari tar-reżistenza sismika tal-bini) taħt il-komponent 1.4 (L-użu sostenibbli tar-riżorsi, reżiljenza għall-klima u protezzjoni ambjentali); miżuri ta' protezzjoni min-nirien, restawr, kontra l-għargħar u kontra l-erożjoni maqbuda fl-istadju importanti 61, 62 u 63 tal-miżura 16849 (Pjan Nazzjonali ta' Reforestazzjoni, restawr u prevenzjoni ("antiNERO"), miżuri kontra l-erożjoni u kontra l-għargħar) fil-komponent 1.4; appoġġ għar-restawr tan-networks ferrovjarji u tat-toroq fiż-żoni affettwati mill-maltempata "Daniel", fl-istadji importanti 347, 348, 349 u 350 tal-miżura 16999 (Ir-Restawr tal-Aċċessibbiltà wara l-effetti devastanti tal-maltempata "Daniel") u Fażi II għall-investiment f'pontijiet intelliġenti, fl-istadju importanti 272a tal-miżura 16949 (Pontijiet Intelliġenti) taħt il-komponent 4.6 (Il-modernizzazzjoni u t-titjib tar-reżiljenza ta' setturi ekonomiċi ewlenin). Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (20) Il-Greċja talbet li jiġu inklużi riformi ġodda taħt erba' miżuri. B'mod partikolari, riformi ġodda għandhom l-għan li jindirizzaw in-nuqqas ta' tobba personali biex tissaħħaħ l-introduzzjoni sħiħa tar-riforma tal-kura tas-saħħa primarja, fl-istadji importanti 335 u 336 tal-miżura 16984 (Ir-Riforma tat-Tabib Personali) taħt il-komponent 3.3 (It-titjib tar-reżiljenza, l-aċċessibbiltà u s-sostenibbiltà tal-kura tas-saħħa); it-titjib tad-dħul mit-taxxa u l-inċentivi permezz tal-promozzjoni tal-pagamenti elettroniċi u t-titjib tal-istruttura tat-taxxi fuq dawk li jaħdmu għal rashom, fl-istadji importanti 337, 338, 339 u 340 tal-miżura 16985 (Modifiki għall-qafas tal-politika tat-taxxa tal-Greċja) taħt il-komponent 4.1 (It-taxxi jsiru aktar favorevoli għat-ktabbir u jittejbu l-amministrazzjoni tat-taxxa u l-ġbir tat-taxxa); u t-tlestija tar-riforma tal-katast nazzjonali bil-finalizzazzjoni tal-immappjar katastali u t-tranżizzjoni sħiħa għall-istruttura organizzattiva l-ġdida tal-Katast Elleniku, fl-istadji importanti 341, 344, 342, 343 u 345 tal-miżura 16986 (It-tlestija tal-katast nazzjonali) taħt il-komponent 4.2 (Modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, inkluż permezz tat-tħaffif tal-implimentazzjoni tal-investimenti pubbliċi, it-titjib tal-qafas tal-akkwist pubbliku, il-miżuri għall-bini tal-kapaċità u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni). Il-Greċja wessgħet ukoll il-kamp ta' applikazzjoni tar-riformi tas-settur finanzjarju li diġà jinsabu fl-RRP li jindirizza l-proċess tal-infurzar tad-dejn u s-suq sekondarju tas-self improduttiv, fl-istadji importanti 244a, 244b, 244c tal-miżura 16957 (It-tisħiħ tal-kapaċità tas-sistema finanzjarja biex jingħelbu l-isfidi ta' legat u tiġi ffinanzjata l-ekonomija reali) taħt il-komponent 4.4. (It-tisħiħ tas-settur finanzjarju u s-swieq kapitali). Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (21) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet ippreżentati mill-Greċja jiġġustifikaw l-aġġornament skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-emenda skont l-Artikolu 21(2) ta' dak ir-Regolament.

Korrezzjonijiet ta' żbalji klerikali

- (22) Ġew identifikati 54 żball klerikali fit-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 li jaffettwaw 40 stadju importanti/miri u 41 miżura. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata biex jiġu kkoreġuti dawk l-iżbalji klerikali li ma jirriflettux il-kontenut tal-RRP ppreżentat lill-Kummissjoni fit-27 ta' April 2021, kif miftiehem bejn il-Kummissjoni u l-Greċja. Dawk l-iżbalji klerikali huma relatati ma':
- id-deskrizzjoni tal-miżura 16879 (It-Tħejjija ta' Pjanijiet Urbani fl-implimentazzjoni tar-riforma tal-politika urbana), id-deskrizzjoni tal-miżura 16891 (L-istabbiliment ta' ppjanar spazjali marittimu ġdid), il-miri 23, 24, 25 u 26 tal-miżura 16872 (Ir-rinnovazzjoni tal-enerġija fuq bini residenzjali), u l-istadju importanti 38 tal-miżura 16873 (Interventi f'żoni residenzjali u fl-istokk tal-bini) taħt il-Komponent 1.2 (Rinnovazzjoni);
 - l-istadju importanti 83 u d-deskrizzjoni tal-miżura 16912 (Tagħmir għat-tifi tan-nar, għall-prevenzjoni u għar-rispons fil-foresti), l-istadju importanti 64 u d-deskrizzjoni tal-miżura 16851 (Protezzjoni tal-bijodiversità bħala mutur għat-tkabbir sostenibbli), u l-istadji importanti 68, 72, u 73 tal-miżura 16846 (Infrastruttura tal-Ġestjoni tal-Ilma Urban Mormi u l-Hama mit-Trattament tal-Ilma Mormi) taħt il-komponent 1.4 (L-użu sostenibbli tar-riżorsi, reżiljenza għall-klima u protezzjoni ambjentali);

- l-istadju importanti 333 tal-miżura 16844 (It-tranżizzjoni għat-teknoloġija 5G, l-iffaċilitar tal-iżvilupp ta' servizz remot innovattiv) taħt il-komponent 2.1 (Connect);
- id-deskrizzjoni tal-miżura 16810 (CRM għall-Gvern Ġenerali), l-istadju importanti 99 u d-deskrizzjoni tal-miżura 16929 (Lejn is-servizzi orjentati lejn il- “klijent” tal-Amministrazzjoni Pubblika permezz tas-simplifikazzjoni u t-titjib tal-proċessi, it-titjib tas-sistemi u l-konformità mal-istrateġiji u l-politiki Ewropej), l-istadju importanti 113 tal-miżura 16738 (Sistema Ċentrali tal-Ġestjoni tad-Dokumenti), id-deskrizzjoni tal-miżura 16826 (Programmi ta' aġġornament tal-ħiliet diġitali għall-koskritti), id-deskrizzjoni tal-miżura 16791 (Trasformazzjoni Diġitali tal-Organizzazzjoni Nazzjonali Griega tat-Turiżmu), l-istadju importanti 116 tal-miżura 16964 (Ċentru ta' Interoperabbiltà tal-Ġenerazzjoni li Jmiss (KED)), l-istadju importanti 117 tal-miżura 16785 (Reġistru tat-Turiżmu e-MHTE), id-deskrizzjoni tal-miżura 16854 (Bliet intelliġenti), u l-istadju importanti 95a tal-miżura 16778 (Id-diġitalizzazzjoni tal-arkivji u servizzi relatati) taħt il-komponent 2.2 (Modernizzazzjoni);
- id-deskrizzjoni tal-miżura u l-istadji importanti 141 u 141b tal-miżura 16941 (Ir-ristrutturar u l-immarkar mill-ġdid tal-PES lokali DYPA (KPA2)), id-deskrizzjoni tal-miżura u l-istadju importanti 142a tal-miżura 16746 (Ir-Riforma tal-Politiki Passivi tas-Suq tax-Xogħol biex jiġu appoġġati t-Tranżizzjonijiet għall-Impjiegi), u l-istadju importanti 135a tal-miżura 16942 (It-trasformazzjoni diġitali tas-servizz pubbliku tal-impjiegi (OAED)) taħt il-komponent 3,1 (Promozzjoni tal-ħolqien tal-impjiegi u l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol);

- l-istadji importanti 145, 145a u 145b tal-miżura 16794 (It-Tiżiż tas-Sistema tal-Apprendistati), l-istadju importanti 146 u d-deskrizzjoni tal-miżura 16792 (Il-ħiliet, taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol permezz ta' mudell ta' taħriġ riformat (Ir-Riforma tal-Edukazzjoni u Taħriġ Vokazzjonali)), u l-istadji importanti 148a u 148b tal-miżura 16676 (It-trasformazzjoni diġitali tal-Edukazzjoni) taħt il-komponent 3.2 (L-edukazzjoni, edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, u ħiliet);
- id-deskrizzjoni tal-miżura 16783 (L-Implimentazzjoni tal-Programm Nazzjonali ta' Prevenzjoni tas-Saħħa Pubblika “Spiros Doxiadis” (NPP “SD”)), l-istadju importanti 156 tal-miżura 16816 (Riformi u aċċellerazzjoni tal-investimenti fis-Settur tal-Kura tas-Saħħa – Tnaqqis fl-irkupru u razjonalizzazzjoni tan-nefqa fuq il-kura tas-saħħa), l-istadju importanti 169 tal-miżura 16753 (L-istabbiliment ta' sistemi ta' Kura tas-Saħħa fid-dar), u t-titolu tal-Grupp 14 taħt il-komponent 3.3 (It-titjib tar-reżiljenza, l-aċċessibbiltà u s-sostenibbiltà tal-kura tas-saħħa);
- id-deskrizzjoni tal-miżura u l-istadji importanti 203 u 204 tal-miżura 16643 (Il-kodifikazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-leġislazzjoni dwar it-taxxa), l-istadji importanti 195 u 196 tal-miżura 16291 (It-Trasformazzjoni Diġitali tal-Amministrazzjoni tat-Taxxa u tad-Dwana) taħt il-komponent 4.1 (It-taxxi jsiru aktar favorevoli għat-tkabbir u jittejbu l-amministrazzjoni tat-taxxa u l-ġbir tat-taxxa);

- l-istadju importanti 213 u d-deskrizzjoni tal-miżura 16703 (Il-ġlieda kontra l-kummerċ illegali u l-protezzjoni tal-proprjetà intellettuali) taħt il-komponent 4.2 (Il-modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, inkluż permezz tat-tħaffif tal-implimentazzjoni tal-investimenti pubbliċi, it-titjib tal-qafas tal-akkwist pubbliku, il-miżuri għall-bini tal-kapaċità u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni);
- l-istadju importanti 238 u deskrizzjoni tal-miżura 16575 (L-aċċellerazzjoni tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja) taħt il-komponent 4.3 (It-titjib tal-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja);
- l-istadju importanti 243 tal-miżura 16581 (Is-superviżjoni msaħħa tas-suq kapitali u l-affidabbiltà) taħt il-komponent 4.4 (It-tisħiħ tas-settur finanzjarju u s-swieq kapitali);
- l-istadju ewlieni 250 u deskrizzjoni tal-miżura 16618 (Ir-Riċerka Bażika Applikata), l-istadju importanti 252 tal-miżura 16971 (Riċerka – Ħolqien – Innovazzjoni), l-istadju importanti 346 tal-miżura 16622 (ORIZZONT 2020 “Siġill ta’ Eċċellenza”: il-finanzjament tal-ogħla kumpaniji innovattivi), u d-deskrizzjoni tal-miżura 16621 (L-Estroverzjoni tal-Ekosistema tar-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-Greċja), taħt il-komponent 4.5 (Il-promozzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni);

- l-istadju importanti 258 tal-miżura 16631 (Aġġornament tas-sikurezza fit-toroq), id-deskrizzjoni tal-miżura 16626 (It-trasformazzjoni ekonomika fis-Settur Agrikolu), l-istadju importanti 289 tal-miżura 16735 (L-użu tal-“arti dwar il-preskrizzjoni”, il-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali, u l-isfruttament tal-ekonomija tal-fidda), id-deskrizzjoni tal-miżura 16593 (Emenda tal-qafas legali għall-attrazzjoni ta’ investiment strateġiku), u d-deskrizzjoni tal-miżura 16944 (Il-pjan ewlieni għat-tiġdid tal-flotta Griega tat-tbajhir tal-passiġġieri) taħt il-komponent 4.6 (Il-modernizzazzjoni u titjib tar-reżiljenza ta’ setturi ekonomiċi ewlenin); u
- l-istadju importanti 318 tal-miżura 16591 (Bażi tat-twertiq ta’ negozju) taħt il-komponent 4.7 (Titjib tal-kompetittività u promozzjoni tal-investimenti u l-esportazzjonijiet privati).

Dawk il-korrezzjonijiet ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-miżuri kkonċernati.

Il-kapitolu REPowerEU bbażati fuq l-Artikolu 21c tar-Regolament (UE)2021/241

- (23) Il-Kapitolu tar-REPowerEU jinkludi seba’ riformi ġodda u erba’ investimenti ġodda. Wieħed minn dawn l-investimenti jikkonċerna żewġ subinvestimenti fuq skala akbar (dwar ir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika), filwaqt li investiment ieħor jiżdied (fuq il-ħżin tal-enerġija).

- (24) Il-Kapitolu fih sett ta' riformi biex imexxu 'l quddiem id-dekarbonizzazzjoni, l-enerġija rinnovabbli u l-gassijiet rinnovabbli: (a) riforma dwar l-introduzzjoni ta' qafas leġiżlattiv li jippermetti u jiffaċilita l-produzzjoni, il-ħżin, it-trasport u l-użu tal-idroġenu u tal-bijometan rinnovabbli; (b) riforma dwar l-istabbiliment tal-qafas regolatorju u tal-operat tas-suq għall-qbid, l-użu u t-teknoloġiji tal-ħżin tal-karbonju biex titrawwem id-dekarbonizzazzjoni industrijali fil-Greċja; (c) riforma dwar l-ottimizzazzjoni tal-użu tal-ispazju tal-art u tal-baħar għall-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, flimkien mal-avvanz ulterjuri tal-qafas leġiżlattiv għall-installazzjoni ta' parks eoliċi lil hinn mill-kosta; (d) riforma biex tiżdied il-kapaċità tal-grilja u tal-ħżin billi jiġu indirizzati l-istabbiltà u l-konġestjonijiet tal-grilja, tinħoloq reżiljenza kontra l-prezzijiet għoljin tal-elettriku, tiżdied il-flessibbiltà tas-sistema u titrawwem l-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli; (e) ir-riforma tal-qafas regolatorju għall-grilji intelliġenti fil-Greċja biex titħaffef l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji intelliġenti u diġitali fin-network tad-distribuzzjoni, u jitrawwem ir-rispons min-naħa tad-domanda għall-konsumatur finali; (f) riforma li għandha l-għan li tippromwovi l-kondiviżjoni tal-enerġija, u b'hekk tinkoraġġixxi l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli billi tippermetti l-ġenerazzjoni deċentralizzata u l-kondiviżjoni fost diversi sistemi tal-enerġija rinnovabbli fuq skala żgħira, u b'hekk jissaħħu l-awtokonsum u l-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli; u (g) riforma li tintroduċi pjan direzzjonali għal interventi innovattivi tal-effiċjenza enerġetika, inkluż l-identifikazzjoni u t-tnedija ta' strumenti finanzjarji ġodda mhux ibbażati fuq għotjiet.

- (25) Barra minn hekk, il-kapitolu fih investimenti fl-effiċjenza enerġetika u l-promozzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli għall-awtokonsum inklużi ħames sottoprogrammi differenti, speċifikament fi: (a) ir-rinnovazzjoni tal-enerġija ta' bini residenzjali permezz tal-ġhoti ta' sussidji (investiment akbar); (b) ir-rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini pubbliku u privat mhux residenzjali permezz tal-ġhoti ta' sussidji u self b'imgħax baxx (investiment akbar); (c) iż-żieda fl-għadd ta' sistemi fotovoltajċi għall-awtokonsum f' bini residenzjali u fis-settur agrikolu permezz tal-ġhoti ta' sussidji; (d) il-promozzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli f' bini residenzjali billi tiġi ffinanzjata l-installazzjoni ta' sistemi rinnovabbli ġodda għall-produzzjoni tal-ilma sħun; u (e) it-titjib tal-effiċjenza enerġetika fl-utilitajiet municiipali tal-ilma u tad-drenaġġ permezz tas-sostituzzjoni tat-tagħmir elettromekkaniku eżistenti fil-bjar b'tagħmir ġdid u aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Investiment ieħor għandu l-għan li jżid l-installazzjoni ta' sistemi ta' ħżin tal-enerġija għal penetrazzjoni addizzjonali ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u huwa żieda ta' miżura attwali (16926) skont l-RRP modifikat. Fl-aħħar nett, se jiġi stabbilit sett ta' proġetti pilota għall-produzzjoni tal-bijometan u tal-idroġenu rinnovabbli u l-promozzjoni ta' teknoloġiji tal-qbid u l-ħżin tal-karbonju (carbon capture and storage, CCS) f'industriji li diffiċli jittrażżnu biex titrawwem id-dekarbonizzazzjoni industrijali.

- (26) Il-Kapitolu tar-REPowerEU jinkludi azzjonijiet li għandhom l-għan li jgħinu biex jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku. B'mod partikolari, ir-riforma dwar il-kondiviżjoni tal-enerġija hija mistennija li tistabbilixxi sett ta' għodod ta' politika biex tippromwovi l-awtokonsum kollettiv, il-kondiviżjoni tal-enerġija u l-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, li huma mistennija jirriżultaw f'kostijiet tal-enerġija aktar baxxi għall-unitajiet domestiċi foqra fl-enerġija. Barra minn hekk, ir-riforma dwar l-interventi tal-effiċjenza enerġetika għandha l-għan, fost l-oħrajn, li tistabbilixxi approċċ immirat (inkluż it-tfassil ta' programmi ta' politika) għal iffrankar akbar tal-enerġija għall-unitajiet domestiċi foqra fl-enerġija u għall-gruppi soċjali vulnerabbli. Barra minn hekk, l-investiment fir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika jimmira speċifikament lejn unitajiet domestiċi b'introġtu aktar baxx, kif kien il-każ bil-miżura simili li kienet parti mill-pjan oriġinali.
- (27) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP modifikat li jinkludi l-kapitolu REPowerEU mal-kriterji tal-valutazzjoni stipulati fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Rispons bilanċjat li jikkontribwixxi għas-sitt pilastri

- (28) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (a), u l-Anness V, il-kriterju 2.1, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat li jinkludi l-kapitolu REPowerEU jirrappreżenta fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) rispons komprensiv u adegwatament ibbilanċjat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, biex b'hekk jikkontribwixxi b'mod xieraq għas-sitt pilastri kollha msemmija fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament, filwaqt li jqis l-isfidi speċifiċi ffaċċjat mill-Istat Membru kkonċernat u l-allokazzjoni finanzjarja għalih.

- (29) Il-modifika tal-pjan, flimkien mal-kapitolu REPowerEU, tirrappreżenta titjib materjali u għandha impatt materjali fuq il-valutazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-RRP għat-tranżizzjoni ekoloġika (l-ewwel pilastru). Il-miżuri li jinkludu l-kapitolu REPowerEU jindirizzaw fil-biċċa l-kbira l-oġettivi tal-Pjan REPowerEU, jiġifieri l-iffrankar tal-enerġija, il-produzzjoni tal-enerġija nadifa u d-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija u huma mistennija li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika u għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Għall-pilastri l-oħra, in-natura u l-firxa tal-modifiki proposti għall-RRP ma għandhomx impatt fuq il-valutazzjoni ġenerali preċedenti.
- (30) Filwaqt li l-irtirar tal-miżuri relatati mal-iżvilupp ta' Kejbils fibrottiċi Sottomarini u n-networks 5G inaqqas il-kontribut tal-RRP għat-trasformazzjoni diġitali (it-tieni pilastru), il-kontribut tal-pakkett għall-pilastru jibqa' sostanzjali. L-RRP modifikat huwa mistenni wkoll li jkompli jsaħħa is-saħħa u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali tal-pajjiż (il-ħames pilastru). Fir-rigward tal-ewwel pilastru, l-RRP modifikat jinkludi miżuri addizzjonali biex jiġu indirizzati l-isfidi ekoloġiċi, jiġifieri miżuri kontra l-erożjoni u ta' protezzjoni mill-għargħar imressqa wara d-diżastri naturali fl-2023. Iż-żieda sinifikanti fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Faċilità ta' Self tal-RRP hija mistennija li tappoġġa l-investiment privat primarjament relatat mal-ewwel żewġ pilastri, jiġifieri t-tranżizzjoni ekoloġika u t-trasformazzjoni diġitali, iżda hija mistennija li tikkontribwixxi wkoll għaż-żieda fil-kapaċità tal-esportazzjoni, l-ekonomiji ta' skala, u r-riċerka u l-innovazzjoni.

L-indirizzar tal-isfidi kollha, jew subsett sinifikanti minnhom, identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż

- (31) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), u mal-Anness V, il-kriterju 2.2, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat li jinkludi l-kapitolu REPowerEU mistenni jikkontribwixxi għall-indirizzar b'mod effettiv tal-isfidi kollha, jew subsett sinifikanti minnhom (klassifikazzjoni A) identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti indirizzati lill-Greċja, inklużi l-aspetti fiskali tagħhom, u rakkomandazzjonijiet li saru skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, jew l-isfidi identifikati f'dokumenti rilevanti oħra adottati b'mod uffiċjali mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.
- (32) B'mod partikolari, l-RRP modifikat iqis ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati b'mod formali mill-Kunsill qabel il-valutazzjoni tal-RRP modifikat mill-Kummissjoni. Peress li d-daqs tal-RRP modifikat żdied wara talba għal self addizzjonali maħsuba biex tintuża mhux esklużivament għall-oġettivi REPower, ir-rakkomandazzjonijiet strutturali kollha tal-2022 u tal-2023 huma kkunsidrati fil-valutazzjoni kumplessiva.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

- (33) Wara li vvalutat il-progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti kollha bħala parti mis-Semestru Ewropew 2023, il-Kummissjoni ssib li sar progress sostanzjali fir-rigward tar-rakkomandazzjoni dwar it-tlestija tar-riformi pendenti li ġew segwiti taħt sorveljanza msaħħa (ir-rakkomandazzjoni 2.3 tal-2022). B'mod partikolari, kif irrappurtat fl-ewwel rapport ta' sorveljanza ta' wara l-programm adottat mill-Kummissjoni fit-22 ta' Novembru 2022, il-Greċja ġiet ivvalutata li, f'diversi oqsma, implimentat l-impenji speċifiċi ta' riforma li ġew miftiehma bejn l-istituzzjonijiet Ewropej u l-awtoritajiet Griegi biex jitlestew sa Novembru 2022. Dan kien jinkludi progress fl-immappjar katastali, filwaqt li rrikonoxxa li kien għad hemm bżonn ta' aktar sforz għat-tlestija tiegħu. Barra minn hekk, inkiseb ukoll progress sostanzjali bl-espansjoni tal-investment pubbliku għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali (ir-rakkomandazzjoni 1.2 tal-2022) u fl-inseguwiment ta' politika fiskali mmirata lejn il-kisba ta' pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq terminu medju u l-iżgurar ta' tnaqqis kredibbli u gradwali tad-dejn u sostenibbiltà fiskali fuq terminu medju (ir-rakkomandazzjoni 1.3 tal-2022).
- (34) L-RRP modifikat jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin li jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi ekonomiċi u soċjali kollha jew subsett sinifikanti minnhom deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Greċja mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, b'mod partikolari dwar il-politika tat-taxxa u l-amministrazzjoni tat-taxxa, l-amministrazzjoni pubblika u s-settur finanzjarju (ir-rakkomandazzjonijiet 1.6 sa 1.10 tal-2023 u r-rakkomandazzjonijiet 1.4 sa 1.6 tal-2022), dwar is-settur tas-saħħa u l-katast (ir-rakkomandazzjonijiet 3.1 u 3.2 tal-2023 u r-rakkomandazzjonijiet 2.3 u 3 tal-2022), u dwar is-settur tal-enerġija (ir-rakkomandazzjonijiet 4.1 sa 4.6 tal-2023).

- (35) L-RRP modifikat jinkludi riforma ġdida tal-politika tat-taxxa u huwa mistenni li jsaħħaħ il-miżuri relatati mas-settur finanzjarju. Taħt il-Komponent 4.6, il-Greċja inkludiet miżura ġdida ta' riforma bl-għan li ttejjeb it-trasparenza tal-qafas tat-taxxa tagħha u l-użu ulterjuri ta' pagamenti elettroniċi għall-ġlieda kontra l-evazzjoni tat-taxxa. Azzjonijiet speċifiċi jinkludu dispożizzjonijiet legali biex tittejjeb l-istruttura tat-tassazzjoni fuq dawk li jaħdmu għal rashom, is-sostituzzjoni tat-taxxa tal-boll b'taxxa diġitali aktar sempliċi, u estensjoni kbira tal-aċċettazzjoni obbligatorja tal-pagamenti elettroniċi diretti fis-suq bl-imnut. Din il-miżura l-ġdida ta' riforma hija mistennija li tikkontribwixxi għas-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi tal-Greċja. Taħt il-Komponent 4.4, il-Greċja wessgħet l-ambitu tar-riformi tas-settur finanzjarju li diġà jinsabu fl-RRP li jindirizza l-proċess tal-infurzar tad-dejn u s-suq sekondarju tas-self li ma jrendix. Dawn il-miżuri ġodda u msaħħa huma mistennija li jikkontribwixxu biex jintlaħqu s-subpartijiet relatati taħt ir-rakkomandazzjonijiet 1.6 , 1.7, 1.8 u 1.10 tal-2023 u r-rakkomandazzjoni 1.5 tal-2022).
- (36) L-RRP modifikat jinkludi wkoll it-tlestija tar-riforma tal-katast u miżuri ġodda tal-kura tas-saħħa. It-tlestija tal-katast nazzjonali (parti mill-Komponent 4.2), proġett li ilu għaddej, hija mistennija li tkompli ttejjeb l-ambjent tan-negozju tal-Greċja billi ttejjeb l-effiċjenza u ssaħħaħ iċ-ċertezza legali. B'mod speċifiku, l-azzjonijiet biex jitlesta l-immappjar katastali u t-tranżizzjoni għall-“Aġenzija Ellenika tal-Katast” il-ġdida huma mistennija li jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjoni 3.2 tal-2023 u r-rakkomandazzjoni 2.3 tal-2022. Il-Greċja pproponiet ukoll riforma ġdida tat-tobba personali (parti mill-Komponent 3.3), li hija mistennija li tikkontribwixxi biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjoni 3.1 tal-2023 u r-rakkomandazzjoni 3.1 tal-2022. Ir-riforma l-ġdida tinkludi azzjonijiet li għandhom l-għan li jżidu r-reġistrazzjoni tat-tobba tal-familja u tal-internisti sabiex tinkiseb kopertura sħiħa tal-popolazzjoni u reġistrazzjoni tal-popolazzjoni.

- (37) Il-Kapitolu tar-REPowerEU jintroduċi miżuri ġodda li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili (ir-rakkomandazzjoni 4 tal-2023 u r-rakkomandazzjoni 4 tal-2022). Miżuri ġodda ta' riforma għandhom l-għan li jespandu aktar l-użu tal-enerġija rinnovabbli billi jikkompletaw il-qafas legali għall-parks eoliċi lil hinn mill-kosta u jistabbilixxu oqfsa leġislattivi ġodda għall-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli u tal-bijometan. Miżuri ġodda ta' investment jappoġġaw iż-żieda fil-kapaċità tal-ħżin u l-produzzjoni deċentralizzata tal-enerġija rinnovabbli. Barra minn hekk, huwa allokat appoġġ addizzjonali biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-unitajiet domestiċi, inkluż appoġġ immirat għall-unitajiet domestiċi foqra fl-enerġija, u għas-settur privat.
- (38) Billi jindirizza l-isfidi msemmija hawn fuq, l-RRP modifikat huwa mistenni li jikkontribwixxi wkoll għall-korrezzjoni tal-iżbilanċi, kif identifikat fir-rakkomandazzjonijiet li saru skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 fil-perjodu mill-2019 sal-2023, li l-Greċja qed tesperjenza, b'mod partikolari fir-rigward tad-dejn pubbliku għoli u d-dinamika dgħajfa tal-kompetittività f'kuntest ta' tkabbir baxx fil-produttività.

Kontribut għall-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali

- (39) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (c), u l-Anness V, il-kriterju 2.3, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat li jinkludi l-kapitolu REPowerEU mistenni jkollu impatt għoli (klassifikazzjoni A) fuq it-tisħiħ tal-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tax-xogħol, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali tal-Greċja, li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' politiki għat-tfal u ż-żgħażaġh, u fuq il-mitigazzjoni tal-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19, biex b'hekk isaħħaħ il-koeżjoni u l-konverġenza ekonomika, soċjali u territorjali fl-Unjoni.

- (40) L-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU jkompli jikkontribwixxi għall-koeżjoni soċjali. L-RRP modifikat jinkludi miżuri sinifikanti biex jiġu indirizzati l-isfidi soċjali li ilhom jeżistu, inklużi l-aċċessibbiltà baxxa tas-servizzi tal-kura tas-saħħa, il-qgħad li għadu għoli u l-faqar enerġetiku. Riforma ġdida tas-sistema tal-kura tas-saħħa primarja (tabib personali) hija mistennija li żżid l-aċċess għall-kura tas-saħħa, tnaqqas l-inugwaljanzi, u tippromwovi l-prevenzjoni tal-mard. Skont il-kapitolu REPowerEU, ir-rinovazzjonijiet tal-enerġija ta' bini residenzjali u l-investimenti fuq skala kbira f'sorsi ta' enerġija rinnovabbli u kapaċitajiet ta' ħżin tal-enerġija huma mistennija jappoġġaw it-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi f'firxa wiesgħa ta' setturi u attivitajiet ekonomiċi, filwaqt li jgħinu biex jiġi eliminat il-faqar enerġetiku. Investiment ġdid dwar l-ispezzjoni preliminari tar-reżistenza sismika tal-iskejjel, l-universitajiet, l-isptarijiet, l-għases tal-pulizija u l-istazzjonijiet tat-tifi tan-nar huwa mistenni li jtejjeb il-ġestjoni tal-kriżijiet u l-mitigazzjoni tal-perikli u jżid ir-reżiljenza ekonomika u soċjali. Ir-riforma dwar il-Katast Elleniku hija mistennija li jkollha impatt ekonomiku u soċjali pożittiv billi tipprovdi drittijiet u titoli ċari tal-proprjetà u sistema effiċjenti ta' reġistru tal-artijiet, u b'hekk tiffaċilita l-attivitajiet ekonomiċi relatati mat-tranżazzjonijiet tal-proprjetà immobbli u tippromwovi l-investimenti privati.
- (41) It-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura tal-Faċilità ta' Self tal-RRP hija mistennija li tagħti spinta lit-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi permezz tal-finanzjament ta' investimenti privati fit-tul fit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali fost oqsma oħra.

- (42) Dawn il-miżuri huma mistennija jgħinu biex titwettaq l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali approvat fis-Summit ta' Porto tas-7 ta' Mejju 2021 u huma mistennija jikkontribwixxu għat-titjib tal-livelli tal-indikaturi tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali.

La tagħmilx ħsara sinifikanti

- (43) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (d), u l-Anness V, il-kriterju 2.4, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat li jinkludi l-kapitolu REPowerEU mistenni jiżgura li l-ebda miżura (klassifikazzjoni A) għall-implimentazzjoni ta' riformi u ta' proġetti tal-investimenti inklużi f'dan l-RRP ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali fit-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ (il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti").

¹ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

- (44) Il-pjan modifikat, inkluż il-Komponent 19 il-ġdid (il-kapitolu REPowerEU) jivvaluta l-konformità mal-prinċipju (DNSH) “la tagħmilx ħsara sinifikanti” (DNSH - “do no significant harm”) skont il-metodoloġija stabbilita fil-gwida teknika prevista fl-Avviż tal-Kummissjoni bit-titolu “Gwida teknika dwar l-applikazzjoni ta’ “la tagħmilx ħsara sinifikanti” skont ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹ (Il-“Gwida Teknika dwar id-DNSH”). L-ebda waħda mill-miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU ma teħtieġ deroga għad-DNSH. Il-valutazzjoni ssir b’mod sistematiku għal kull riforma u investiment modifikati skont approċċ f’żewġ stadji. Il-valutazzjoni tikkonkludi li għall-miżuri modifikati kollha, jew ma hemm l-ebda riskju ta’ ħsara sinifikanti jew, fejn jiġi identifikat riskju, titwettaq valutazzjoni dettaljata li turi n-nuqqas ta’ ħsara sinifikanti. Il-Greċja pprovdiet valutazzjoni dettaljata għall-miżuri l-ġodda relatati mal-qbid tal-karbonju, l-idroġenu rinnovabbli u l-bijometan. Fejn meħtieġ, ir-rekwiżiti tal-valutazzjoni tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” huma minquxa fit-tfassil ta’ miżura u speċifikati fi stadju importanti jew mira ta’ din il-miżura. Pereżempju, fil-każ tal-idroġenu, iddaħħlu salvagwardji speċifiċi fir-rigward tat-tipoloġiji tal-produzzjoni li għandhom jiġu ffinanzjati, flimkien ma’ referenza speċifika għall-idroġenu li huwa “rinnovabbli” u għall-bijometan li huwa “sostenibbli” f’konformità mad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² (“id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli”) u l-atti delegati tagħha. Fir-rigward tal-investiment għall-promozzjoni tat-teknoloġiji tas-CCS biex titrawwem id-dekarbonizzazzjoni industrijali, is-salvagwardji speċifiċi huma biex tiġi żgurata l-konformità mal-Gwida Teknika dwar id-DNSH u mad-dritt applikabbli tal-Unjoni, fir-rigward tal-kostruzzjoni tal-infrastruttura tat-trasport. Fir-rigward tal-orijini tal-qbid u tas-CO₂ trasportat, dan għandu jkun konformi mar-rekwiżiti tad-DNSH li jeskludu s-CO₂ li joriġina mill-użu ta’ fjuwils fossili jew emittenti lil hinn mill-parametru referenzjarju tal-ETS, sabiex jiġi żgurat in-nuqqas ta’ appoġġ għall-fjuwils fossili. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta, jista’ jiġi konkluż li l-RRP modifikat huwa mistenni li jiżgura li l-ebda miżura ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852.

¹ ĠU C 58, 18.2.2021, p. 1.

² Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (riformulazzjoni), (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

Kontribut għall-oġġettivi tar-REPowerEU

- (45) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (da), u l-Anness V, il-kriterju 2.12, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kapitolu REPowerEU mistenni jikkontribwixxi b'mod effettiv fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għas-sigurtà tal-enerġija, id-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, żieda fl-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika, żieda tal-kapaċitajiet ta' ħżin tal-enerġija jew it-tnaqqis neċessarju ta' dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030.
- (46) Il-miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU jikkontribwixxu għall-oġġettivi tal-Artikolu 21c(3) tar-Regolament (UE) 2021/241, il-punti (b), (c), (d) u (e), peress li għandhom l-għan li: jżidu l-effiċjenza enerġetika tal-Greċja, li jiddekarbonizzaw l-industrija tagħha, iżidu l-produzzjoni tal-bijometan u tal-idroġenu rinnovabbli, u jaċċelleraw l-użu tal-enerġija rinnovabbli; jindirizzaw il-faqar enerġetiku; jinċentivaw it-tnaqqis tad-domanda għall-enerġija; u jindirizzaw il-konġestjonijiet interni u transfruntiera fit-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija, jappoġġaw il-ħżin tal-elettriku u jaċċelleraw l-integrazzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli.

- (47) Fir-rigward tal-obiettiv tal-Artikolu 21c(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/241 dwar l-effiċjenza enerġetika, il-miżuri proposti jinkludu: (a) sett ta' investimenti fl-effiċjenza enerġetika li għandhom l-għan kemm li jżidu l-programmi ta' rinnovazzjoni eżistenti skont l-RRP kif ukoll li jippromwovu azzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika fl-utilitajiet municiġjali tal-ilma u tad-drenaġġ, flimkien mal-installazzjoni ta' ħiters tal-ilma solari f'binjiet residenzjali u ta' fotovoltajċi solari għall-awtokonsum u l-użu fis-settur agrikolu; u (b) riforma biex jiġi stabbilit pjan direzzjonali għal interventi innovattivi fl-effiċjenza enerġetika u l-identifikazzjoni ta' strumenti finanzjarji ġodda għal dan l-għan. Fir-rigward tal-promozzjoni tad-dekarbonizzazzjoni industrijali u l-produzzjoni tal-bijometan u tal-idroġenu rinnovabbli, il-Greċja tipproponi (a) l-istabbiliment ta' qafas regolatorju u operattiv tas-suq għat-teknoloġiji tal-qbid, l-użu u l-ħżin tal-karbonju (CCS); (b) l-iżvilupp ta' qafas ta' skema ta' liċenzjar u appoġġ għall-bijometan u l-idroġenu rinnovabbli; (c) investiment fi proġetti pilota għall-produzzjoni tal-bijometan u tal-idroġenu rinnovabbli u (d) il-promozzjoni tat-teknoloġiji tas-CCS. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, il-kapitolu jinkludi: (a) iż-żieda ta' investiment biex tiżdied il-kapaċità tal-ħżin tal-elettriku fil-Greċja, li huwa mistenni li jippermetti ż-żieda fil-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli fil-pajjiż kollu; (b) riforma biex jiġi ottimizzat l-użu tal-ispazju tal-art u tal-baħar għall-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u jitlestha l-qafas leġiżlattiv għall-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta diġà mibdi fi ħdan l-RRP; (c) riforma biex titrawwem il-kapaċità tal-grilja u tal-ħżin fil-Greċja; (d) riforma għall-promozzjoni ta' teknoloġiji u pratiċi tal-grilja intelliġenti fis-suq tal-elettriku tal-Greċja, u (e) riforma li għandha l-għan li tiżviluppa qafas leġiżlattiv aktar komplut u l-istabbiliment ta' diversi għodod ta' politika għall-promozzjoni tal-kondiviżjoni tal-enerġija, l-awtokonsum kollettiv u l-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli.

- (48) Il-faqar enerġetiku, f'konformità mal-Artikolu 21c(3), il-punt (c) tar-Regolament (UE) 2021/241, huwa indirizzat permezz ta' żewġ riformi ġodda u ż-żieda fl-investimenti fl-effiċjenza enerġetika f'bini residenzjali. Il-Greċja introduċiet sett ta' għodod ta' politika biex tippromwovi l-awtokonsum kollettiv, il-kondiviżjoni tal-enerġija u l-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, li huma mistennija jippromwovu użu akbar tal-produzzjoni, il-konsum u l-kondiviżjoni tal-enerġija rinnovabbli deċentralizzati. Barra minn hekk, ir-riforma dwar l-interventi tal-effiċjenza enerġetika għandha l-għan, fost l-oħrajn, li tistabbilixxi approċċ immirat (inkluż it-tfassil ta' programmi ta' politika) għal iffrankar akbar tal-enerġija għall-unitajiet domestiċi foqra fl-enerġija u għall-gruppi soċjali vulnerabbli. Fl-aħħar nett, parti mill-interventi effiċjenti fl-enerġija jenħtieġ li jkunu mmirati lejn rinnovazzjonijiet għal unitajiet domestiċi b'introjtu aktar baxx, kif kien il-każ għall-ewwel programm ta' rinnovazzjoni tal-enerġija fil-pjan.
- (49) It-tnaqqis fid-domanda għall-enerġija għandu jiġi ssodisfat permezz tal-investimenti fl-effiċjenza enerġetika msemmija hawn fuq li jimmiraw lejn it-titjib tar-rendiment fl-użu tal-enerġija fil-bini residenzjali, li jwassal għal tnaqqis sinifikanti fid-domanda għall-enerġija għat-tisħin, għat-tkessiġ u għall-ilma sħun domestiku. L-investment li jikkonċerna l-utilitajiet municiċipali tal-ilma u tad-drenaġġ huwa mistenni li jikkontribwixxi wkoll għall-oġettiv inkwistjoni. Fl-aħħar nett, ir-riforma msemmija hawn fuq li għandha l-għan li tistabbilixxi pjan direzzjonali għall-interventi tal-effiċjenza enerġetika hija mistennija li tgħin fit-tfassil ta' programmi nazzjonali futuri tal-effiċjenza enerġetika li jenħtieġ li ma jkunux jiddependu esklużivament fuq appoġġ mhux ripagabbli, u b'hekk tikkontribwixxi għal aktar iffrankar potenzjali tal-enerġija.
- (50) Il-RRP modifikat jinkludi wkoll miżuri li għandhom l-għan li jtejbu l-ħżin tal-elettriku, f'konformità mal-Artikolu 21c(3), il-punt (e) tar-Regolament (UE) 2021/241. Il-Kapitolu tar-REPowerEU jinkludi ż-żieda ta' investment biex tiżdied il-kapaċità tal-ħżin tal-enerġija fil-Greċja. Hija inkluża wkoll riforma biex tippromwovi u tiffaċilita l-investimenti fil-grilja tal-elettriku u biex iżżid il-kapaċità tal-ħżin.

- (51) Il-miżuri kollha ta' hawn fuq huma mistennija li jikkontribwixxu għall-oġġettivi tar-REPowerEU b'mod li huwa konsistenti ma' għadd ta' riformi u investimenti oħra fl-RRP u li jikkumplementahom, prinċipalment taħt il-komponenti 1.1 sa 1.3, kif ukoll taħt inizzjattivi nazzjonali oħra jew programmi ffinanzjati mill-UE bħal programmi kofinanzjati mill-Politika ta' Koeżjoni u l-Fondi għal Tranżizzjoni Ġusta (eż. Rivitalizzazzjoni tat-Territorji ta' Tranżizzjoni Ġusta).
- (52) Għalhekk, il-kapitolu tar-REPowerEU huwa mistenni li jikkontribwixxi b'mod effettiv fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għall-oġġettiv, peress li huwa mistenni li jkun iffukat fuq l-investimenti u r-riformi li għandhom l-għan li jindirizzaw aktar minn oġġettiv wieħed tar-REPowerEU.

Miżuri b'dimensjoni jew effett transfruntier jew multinazzjonali

- (53) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (db), u l-Anness V, il-kriterju 2.13, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU mistennija fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) ikollhom dimensiuni jew effett transfruntier jew multinazzjonali.
- (54) Il-miżuri kollha fil-kapitolu tar-REPowerEU għandhom dimensiuni jew effett transfruntier jew multinazzjonali Il-miżuri fil-kapitolu REPowerEU huma mistennija li jikkontribwixxu direttament għall-integrazzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli u għat-tnaqqis tad-domanda għall-enerġija. B'riżultat ta' dan, dawn jikkontribwixxu għat-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili, il-bini tal-flessibbiltà fil-ġestjoni tal-enerġija u l-iżgurar tal-provvista tal-enerġija fl-Unjoni kollha kemm hi, u għalhekk jistgħu jitqiesu li għandhom effett transfruntier pożittiv f'konformità mal-gwida tal-Kummissjoni fil-kuntest tar-REPowerEU.

- (55) Il-kostijiet totali tal-miżuri li għandhom dimensjoni jew effett transfruntier jew multinazzjonali huma ta' EUR 795 000 000, li jikkorrispondu għal 100 % tal-kost stmat tal-kapitolu REPowerEU.
- (56) Il-miżuri inklużi fil-Kapitolu REPowerEU huma mistennija li jagħtu spinta lill-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, u b'hekk jikkontribwixxu għall-esportazzjonijiet tal-enerġija nadifa lejn partijiet oħra tal-Unjoni. Bl-istess mod, il-miżuri biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika u biex l-industrija tiġi dekarbonizzata huma mistennija wkoll li jikkontribwixxu għall-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni. Dawn huma mistennija li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u għat-tnaqqis tad-domanda għall-enerġija u għalhekk jitqiesu li għandhom effett transfruntier pożittiv.

Kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluża l-bijodiversità

- (57) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(e), u mal-kriterju 2.5 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu tar-REPowerEU fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 38,1 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP u 78,1 % tal-kostijiet stmati totali tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI ta' dak ir-Regolament. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.

- (58) L-RRP modifikat iżomm miżuri li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika li jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-miri tal-2030-2050 u l-oġġettiv tan-newtralità klimatika tal-UE sal-2050, kif ukoll għat-trawwim tal-bijodiversità. Pereżempju, l-ambizzjoni tal-miżura ta' rifořestazzjoni u restawr (16849) żdiedet b'mod konsiderevoli fl-RRP modifikat.
- (59) Minbarra l-miżuri fl-RRP oriġinali, il-miżuri fil-kapitolu REPowerEU tal-Greċja jnaqqsu b'mod konsiderevoli l-intensità tal-gassijiet serra tal-enerġija użata fil-Greċja u jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-miri għall-2030-2050 u l-oġġettiv tal-Unjoni tan-newtralità klimatika sal-2050, u b'hekk jikkontribwixxu b'mod pożittiv għat-tranżizzjoni ekoloġika. Ir-riformi u l-investimenti fil-kapitolu għandhom l-għan li jinċentivaw miżuri għall-iffirankar tal-enerġija, jiddiversifikaw il-provvisti tal-enerġija u jaċċelleraw l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, inkluż l-istabbiliment ta' għodod ta' politika li jippromwovu l-kondiviżjoni tal-enerġija, l-awtokonsum kollettiv u l-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli. Barra minn hekk, il-miżuri tar-REPowerEU jkopru investimenti li għandhom l-għan li jsaħħu l-kapaċità tal-ħżin tal-elettriku u riforma biex jippromwovu teknoloġiji u prattiki tal-grilji intelliġenti fis-suq tal-elettriku tal-Greċja. Dawn il-miżuri kollha jikkontribwixxu b'mod pożittiv għat-tranżizzjoni ekoloġika fil-Greċja billi jnaqqsu d-domanda għall-enerġija, jippromwovu l-effiċjenza enerġetika u jaċċelleraw it-tranżizzjoni minn sorsi tal-enerġija b'emissjonijiet għoljin għal sorsi tal-enerġija rinnovabbli.

Kontribut għat-tranżizzjoni diġitali

- (60) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u mal-kriterju 2.6 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 22,1 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP modifikat ikkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament.

- (61) Il-miżuri fl-RRP modifikat ikomplu jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali jew jgħinu jindirizzaw l-isfidi relatati u jindirizzaw tajjeb in-nuqqasijiet tal-Greċja fil-qasam diġitali kif identifikati fl-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali (Digital Economy and Society Index, DESI). L-RRP modifikat ikompli jindirizza b'mod sinifikanti l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali li qed tiffaċċja l-Greċja fl-oqsma tal-konnettività, is-servizzi pubbliċi diġitali, il-kapital uman u l-ħiliet diġitali, id-diġitalizzazzjoni tan-negozji u l-adozzjoni ta' teknoloġija diġitali avvanzata.

Impatt dejjiemi

- (62) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (g), u l-Anness V, il-kriterju 2.7, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat li jinkludi l-kapitolu REPowerEU mistenni jkollu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) impatt dejjiemi fuq l-Greċja.
- (63) Il-miżuri l-ġodda u modifikati inklużi fl-RRP modifikat huma komplementari għal dawk inklużi fl-RRP oriġinali u huma mistennija li jkollhom impatt strutturali dejjiemi, inkluż billi jtejbu l-funzjonament tal-istituzzjonijiet tal-Greċja u jżidu r-reżiljenza.

- (64) Ir-riformi li għadhom kif ġew miżjuda għandhom l-għan li jindirizzaw in-nuqqas ta' tobbja personali biex itejbu t-tnedija sħiħa tar-riforma tal-kura tas-saħħa primarja, itejbu d-dħul mit-taxxa u l-inċentivi, u jlestu r-riforma tal-katast. Dawn huma riformi ta' natura strutturali li jsaħħu l-amministrazzjoni u l-istituzzjonijiet tal-Greċja. L-inklużjoni ta' kapitolu ġdid tar-REPowerEU hija mistennija wkoll li jkollha impatt pożittiv fit-tul billi taċċellera t-tranżizzjoni ekoloġika u tiżgura s-sigurtà tal-enerġija.
- (65) Investimenti ġodda għandhom l-għan li jżidu l-prevenzjoni sismika u r-reżiljenza tal-infrastruttura wara diżastri naturali, u jipprovdu appoġġ għar-restawr u r-riforestazzjoni, u b'hekk jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà ambjentali fit-tul. Il-miżuri li jindirizzaw l-effiċjenza enerġetika u l-appoġġ għar-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni huma mistennija li jkollhom impatt soċjali usa'. Barra minn hekk, iż-żieda sostanzjali fl-ambitu tal-Faċilità ta' Self tal-RRP hija mistennija li żżid sostanzjalment l-investment, b'impatt pożittiv u dejjiemi fuq id-domanda u l-produzzjoni fit-tul.

Monitoraġġ u implimentazzjoni

- (66) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (h), u l-Anness V, il-kriterju 2.8, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP modifikat li jinkludi l-kapitolu REPowerEU huma adegwati (klassifikazzjoni A) biex jiżguraw il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni effettivi tal-RRP, inklużi l-iskeda ta' żmien, l-istadji importanti u l-miri, u l-indikaturi relatati.

- (67) In-natura u l-firxa tal-modifiki proposti għall-RRP ma għandhomx impatt fuq il-valutazzjoni preċedenti tal-monitoraġġ u l-implimentazzjoni effettivi tal-RRP. B'mod partikolari, l-Aġenzija tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tibqa' l-istruttura inkarigata fil-Greċja bil-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP. Fir-rigward tal-kapitolu REPowerEU, il-Ministeru għall-Ambjent u l-Enerġija ġie assenjat bħala l-Ministeru kompetenti biex jissorvelja l-implimentazzjoni tal-miżuri l-ġodda. Barra minn hekk, l-istadji importanti u l-miri li jakkumpanjaw il-miżuri modifikati u ġodda, inklużi daww il-kapitolu REPowerEU, huma ċari u realistiċi u l-indikaturi proposti għal daww l-istadji importanti u l-miri huma rilevanti, aċċettabbli u robusti. L-istadji importanti u l-miri huma rilevanti wkoll għal miżuri diġà kompluti li huma eliġibbli skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) 2021/241. It-twertiq sodisfaċenti ta' dawn l-istadji importanti u l-miri fuq perjodu ta' żmien huwa meħtieġ sabiex tkun ġustifikata talba għal żborż.

Estimi tal-kost

- (68) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u l-Anness V, il-kriterju 2.9, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP modifikat li jinkludi l-kapitolu REPowerEU dwar l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP hija moderatament (klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija f'konformità mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonali mal-impatt nazzjonali, ekonomiku u soċjali mistenni.

- (69) Il-ġustifikazzjoni mogħtija mill-Greċja dwar l-ammont tal-kostijiet stmati tal-RRP kienet moderatament raġonevoli, plawżibbli, konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni fuq l-ekonomija. Il-Greċja pprovdiet biżżejjed informazzjoni u evidenza li l-kostijiet stmati ma kinux koperti mill-finanzjament eżistenti jew ippjanat tal-Unjoni. Il-Bord Nazzjonali tal-Produttività tal-Greċja vvalida l-istimi tal-kostijiet. Madankollu, f'għadd limitat ta' każijiet, l-istimi tal-kostijiet ma setgħux jiġu sostanzjati biżżejjed. B'mod ġenerali, dan jiġġustifika klassifikazzjoni ta' B skont il-kriterju ta' valutazzjoni tal-Artikolu 19(3), il-punt (i) tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (70) Ġie pprovdut tqassim dettaljat tal-kost stmat għal kull miżura, bil-metodoloġija tal-ipprezzar tvarja bejn il-miżuri u l-approċċ minn isfel għal fuq huwa l-aktar prevalenti. Għall-maġġoranza tal-miżuri, il-kostijiet huma meqjusa bħala raġonevoli, plawżibbli u kosteffiċjenti. L-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP huwa proporzjonat ukoll għall-impatt soċjali u ekonomiku mistenni tal-miżuri previsti u l-ġustifikazzjonijiet ipprovduti għall-valutazzjoni tal-kostijiet huma b'mod ġenerali suffiċjenti. Għal għadd limitat ta' valutazzjonijiet tal-kostijiet, il-kostijiet stmati qabżu l-firxa tal-kostijiet stabbilita minn proġetti komparabbli sa ċertu punt. Il-valutazzjoni tal-kostijiet ġiet ivvalutata minn konsulent estern u validata mill-Bord Nazzjonali tal-Produttività tal-Greċja. Fl-aħħar nett, il-kost totali stmat tal-RRP hija f'konformità mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonali mal-impatt nazzjonali, ekonomiku u soċjali mistenni.

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

- (71) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (j), u l-Anness V, il-kriterju 2.10, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP modifikat li jinkludi l-kapitolu REPowerEU huma adegwati (klassifikazzjoni A) biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess meta jintużaw il-fondi previsti skont dak ir-Regolament, u l-arranġamenti mistennija jevitaw b'mod effettiv il-finanzjament doppju skont dak ir-Regolament u programmi oħra tal-UE. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' strumenti u għodod oħra biex jippromwovu u jinfurzaw il-konformità mad-dritt tal-Unjoni, fosthom għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess, u għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.
- (72) Fil-valutazzjoni oriġinali, l-arranġamenti deskritti fl-RRP ġew meqjusa bħala adegwati (klassifikazzjoni A) biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess meta jintużaw il-fondi pprovduti skont ir-Regolament (UE) 2021/241.

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1).

- (73) Is-sistema ta' ġestjoni u kontroll fl-RRP modifikat turi proċessi u strutturi robusti, fejn ir-
rwoli u r-responsabbiltajiet huma definiti b'mod ċar, u l-funzjonijiet ta' kontroll rilevanti
huma segregati kif xieraq għat-twettiq tal-kompiti ta' kontroll intern. L-Aġenzija tal-
Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza twettaq monitoraġġ tal-progress u tivverifika l-kisba
tal-istadji importanti u l-miri. L-arranġament leġiżlattiv meħtieġ fl-istruttura organizzattiva
sar għall-istabbiliment ta' unità ddedikata fi ħdan id-Direttorat Ġenerali għall-Awditi tal-
Programmi Kofinanzjati, taħt il-Kumitat tal-Awditjar Finanzjarju ("EDEL"). Il-mandat tal-
EDEL¹ biex jawditja l-miżuri tal-RRP ġie pprovdut f'att nazzjonali ddedikat għall-RRP u
ġew stabbiliti pożizzjonijiet addizzjonali tal-persunal iddedikati. Is-sistema ta' ġestjoni u
kontroll tipprevedi l-proċeduri li huma fis-seħħ biex tiġi żgurata l-konformità mal-liġi
applikabbli tal-Unjoni u nazzjonali, biex jiġi żgurat livell adegwat ta' kontroll għall-
prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta'
interess identifikati meta jintużaw il-fondi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza
stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/241 ("il-Faċilità") u biex jiġi evitat finanzjament
doppju mill-Faċilità u minn programmi oħra tal-Unjoni. Fl-aħħar nett, is-sistema ta'
ġestjoni u kontroll tal-Greċja tiżgura li d-data dwar ir-riċevituri finali, kif stabbilita fl-RRP,
tkun adegwata u maħżuna b'mod sigur fis-Sistema ta' Informazzjoni tal-Ġestjoni tal-RRF,
filwaqt li ssaħħa l-isforzi biex jiġi evitat kwalunkwe użu ħażin tal-fondi pprovduti mill-
Faċilità.

¹ L-Artikolu 189 tal-Liġi 4820/2021 (Gazzetta tal-Gvern, Serje I, Nru 130), l-Artikolu 11 tal-
Liġi 4314/2014 (GG I 265).

Koerenza tal-RRP

- (74) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (k), u l-Anness V, il-kriterju 2.11, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat li jinkludi l-kapitolu REPowerEU jinkludi fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) miżuri għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti tal-investimenti pubbliċi li jirrappreżentaw azzjonijiet koerenti.
- (75) Ir-riformi u l-investimenti f'kull komponent tal-RRP modifikat għadhom ikunu konsistenti u jsaħħu lil xulxin, u jeżistu sinerġiji u komplementarjetajiet bejn il-komponenti. Barra minn hekk, il-kapitolu REPowerEU huwa kompletament konformi mal-miżuri inklużi taħt l-RRP oriġinali biex jappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika u jkompli jsaħħa l-ambizzjoni ta' xi wħud minnhom, pereżempju l-promozzjoni ta' interventi tal-effiċjenza enerġetika u t-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli għall-awtokonsum huma marbuta ma' diversi investimenti u riformi għall-promozzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli u t-titjib tal-effiċjenza enerġetika fil-bini residenzjali u fl-intrapriżi. Il-kapitolu REPowerEU huwa mibni fuq pakkett konsistenti kemm ta' riformi kif ukoll ta' investimenti li jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku.

Ugwaljanza

- (76) Il-Greċja spjegat li diversi miżuri miżjuda mal-RRP, inkluż taħt il-kapitolu REPowerEU, huma mistennija li jkollhom impatt pożittiv fuq l-inklużjoni soċjoekonomika u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd. Ir-riforma introdotta tat-tobba personali mistennija żżid l-għadd ta' tobba personali biex jaġixxu bħala l-ewwel punt ta' kuntatt, jipprovdu kura tas-saħħa primarja, u jgħinu liċ-ċittadini jinnavigaw fis-sistema tas-saħħa, u b'hekk jippromwovu l-aċċess għall-kura tas-saħħa u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd. Il-Kapitolu tar-REPowerEU jinkludi azzjonijiet li għandhom l-għan li jikkontribwixxu għall-indirizzar tal-faqar enerġetiku. B'mod partikolari, ġew introdotti u kkomplementati żewġ riformi ġodda miż-żieda fir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika fil-bini residenzjali. Ir-riformi huma mistennija jistabbilixxu sett ta' għodod ta' politika biex jippromwovu l-awtokonsum kollettiv, il-kondiviżjoni tal-enerġija u l-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, li huma mistennija li jirriżultaw f'kostijiet tal-enerġija aktar baxxi għall-unitajiet domestiċi foqra fl-enerġija. Barra minn hekk, il-miżura ta' investment dwar ir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika hija mistennija li timmira speċifikament lejn unitajiet domestiċi b'introjtu aktar baxx, kif kien il-każ b'miżura li kienet parti mill-pjan oriġinali.

Proċess ta' Konsultazzjoni

- (77) Bi tħejjija għall-RRP modifikat, inkluż il-kapitolu REPowerEU, l-awtoritajiet Griegi nedew proċess ta' konsultazzjoni pubblika ġenerali dwar il-prinċipji tal-pjan rivedut. Il-proċess ta' konsultazzjoni pubblika sar bejn l-31 ta' Lulju u l-14 ta' Awwissu 2023 b'disa' kummenti sottomessi b'kollox. Fl-RRP modifikat tagħha, il-Greċja tistabbilixxi kif id-diversi kummenti ġew riflessi fl-RRP rivedut. Barra minn hekk, sar proċess ta' konsultazzjoni separat mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali (ESC) tal-Greċja li ppreżenta feedback bil-miktub li ġie kkunsidrat mill-awtoritajiet Griegi meta ffinalizzaw l-RRP modifikat tiegħu.

Valutazzjoni pożittiva

- (78) Wara l-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni dwar l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU, bis-sejba li l-RRP modifikat jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtiegħ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont magħmul disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli u fil-forma ta' self.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (79) L-istima tal-kostijiet totali tal-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU tal-Greċja hija ta' EUR 36 612 904 139. Peress li l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP modifikat huwa oġġett ta' mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għall-Greċja, il-kontribuzzjoni finanzjarja kkalkolata f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2021/241 allokata għall-RRP modifikat tal-Greċja li jinkludi l-kapitolu REPowerEU jenħtiegħ li tkun ugwali għall-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-RRP modifikat li jinkludi l-kapitolu REPowerEU. Dan l-ammont huwa ta' EUR 17 426 708 153.

- (80) Skont l-Artikolu 21a(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, fil-31 ta' Awwissu 2023, il-Greċja ppreżentat talba għall-allokazzjoni tad-dħul msemmi fl-Artikolu 21a (1) ta' dak ir-Regolament, kondiviża bejn l-Istati Membri fuq il-bażi tal-indikaturi stabbiliti fil-metodoloġija fl-Anness IVa tar-Regolament (UE) 2021/241. Il-kostijiet totali stmati tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 21c(3), mill-punti (b) sa (f) ta' dak ir-Regolament inklużi fil-kapitolu REPowerEU huma EUR 794 821 929. Peress li dan l-ammont huwa oġġla mis-sehem ta' allokazzjoni disponibbli għall-Greċja, l-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli addizzjonali disponibbli għall-Greċja jenħtieġ li jkun ekwivalenti għas-sehem ta' allokazzjoni. Dan l-ammont huwa ta' EUR 768 069 923.
- (81) Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, fl-1 ta' Marzu 2023 il-Greċja ppreżentat talba motivata biex tittrasferixxi parti mill-allokazzjoni proviżorja tagħha li fadal mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit għall-Faċilità, li tammonta għal EUR 25 600 000. Jenħtieġ li dak l-ammont ikun disponibbli biex jappoġġa r-riformi u l-investimenti fil-kapitolu REPowerEU bħala appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli addizzjonali.
- (82) Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali disponibbli għall-Greċja jenħtieġ li jkun EUR 18 220 378 076.

¹ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357 8.10.2021, p. 1).

Self

- (83) Barra minn hekk, sabiex tappoġġa investimenti privati addizzjonali fl-RRP modifikat, il-Greċja talbet appoġġ addizzjonali fil-forma ta' self għal ammont totali ta' EUR 5 000 000 000, b'mod partikolari biex tissupplimenta l-Faċilità ta' Self tal-RRP (miżura 16980). Il-volum massimu tas-self mitlub mill-Greċja huwa iktar minn 6,8 % tal-introjt nazzjonali gross tal-2019 tagħha fi prezzijiet attwali. L-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP huwa ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja kkombinata disponibbli għall-Greċja, inkluża l-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, l-appoġġ għas-self, u l-kapitolu REPowerEU li huwa magħmul mid-dħul mis-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u r-riżorsi mir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit. Il-fatt li l-volum massimu tas-self mitlub mill-Greċja huwa iktar minn 6,8 % tal-introjt nazzjonali gross tagħha tal-2019 fi prezzijiet attwali jista' jiġi ġġustifikat minn ċirkostanzi eċċezzjonali. B'mod partikolari, hemm żieda sostanzjali fir-rati tal-imgħax għall-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro, filwaqt li l-Greċja għandha kostijiet ta' finanzjament ogħla meta mqabbla ma' Stati Membri oħra taż-żona tal-euro, li jissarraff rati korporattivi għoljin, b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħir u ta' daqs medju (SMEs). Il-kostijiet ta' finanzjament aktar baxxi tal-Faċilità ta' Self tal-RRP qed jiffaċilitaw aċċess aħjar għall-finanzjament għall-kumpaniji li jipparteċipaw fl-iskema. Barra minn hekk, il-Faċilità ta' Self tal-RRP uriet qafas operazzjonali li jiffunzjona tajjeb, salvagwardji robusti, progress tajjeb ħafna fl-implimentazzjoni, u żieda fid-domanda.

¹ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

Prefinanzjament ta' REPowerEU

- (84) Għall-implimentazzjoni tal-kapitolu REPowerEU tagħha, il-Greċja talbet it-trasferiment ta' EUR 25 600 000 mill-allokazzjoni proviżorja mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit u EUR 768 069 923 mid-dħul mill-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet skont id-Direttiva 2003/87/KE.
- (85) Għal dawk l-ammonti, skont l-Artikolu 21d tar-Regolament (UE) 2021/241, fil-31 ta' Awwissu 2023 il-Greċja talbet prefinanzjament ta' EUR 158 733 985, jiġifieri 20 % tal-finanzjament mitlub. Soġġett għar-riżorsi disponibbli, jenħtieġ li dak il-prefinanzjament jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Greċja soġġett għad-dħul fis-seħħ tal-ftehim li għandu jiġi konkluż bejn il-Kummissjoni u l-Greċja skont l-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 u f'konformità miegħu.
- (86) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għall-Greċja tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni jenħtieġ li jiġi sostitwit kompletament,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Greċja hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP modifikat tal-Greċja fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inkluż l-istadji importanti u l-miri rilevanti u l-istadji importanti u l-miri addizzjonali relatati mal-pagament tas-self, l-indikaturi rilevanti marbuta mal-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tagħti aċċess sħiħ għad-data rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.”;

- (2) fl-Artikolu 2, il-paragrafi 1 u 2 huwa sostitwiti b'dan li ġej:

“1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Greċja kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' appoġġ li ma jitħallasx lura li jammonta għal EUR 18 220 378 076*.

Dik il-kontribuzzjoni tinkludi:

- (a) ammont ta' EUR 13 515 279 418, li għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat b'mod legali sal-31 ta' Diċembru 2022;

- (b) ammont ta' EUR 3 911 428 735, li għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat b'mod legali mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023;
 - (c) ammont ta' EUR 768 069 923**, f'konformità mal-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241, esklużivament għar-riformi u l-investimenti li għandhom l-għan li jikkontribwixxu għall-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 21c(3), il-punt (b) sa (f), ta' dak ir-Regolament;
 - (d) ammont ta' EUR 25 600 000, trasferit mir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit għall-Faċilità.
2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni disponibbli għall-Greċja fi ħlasijiet parzjali f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni. L-ammont ta' EUR 2 310 092 538 għandu jkun disponibbli bħala prefinanzjament f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2021/241.

L-ammont ta' EUR 158 733 985 għandu jkun disponibbli bħala prefinanzjament f'konformità mal-Artikolu 21d tar-Regolament (UE) 2021/241. Dak il-prefinanzjament jista' jitħallas mill-Kummissjoni f'massimu ta' żewġ pagamenti.

Il-prefinanzjament u l-ħlasijiet parzjali jistgħu jiġu żborżati mill-Kummissjoni f'segment wieħed jew aktar. Id-daqs tas-segmenti għandu jkun soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.

-
- * Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara li jitnaqqas is-sehem proporzjonali tal-Greċja tal-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.
- ** Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara li jitnaqqas is-sehem proporzjonali tal-Greċja tal-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness IVa ta' dak ir-Regolament.”;

(3) Fl-Artikolu 3, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

- “1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Greċja self li jammonta għal massimu ta' EUR 17 727 538 920, li minnhom sa EUR 5 000 000 000 ta' self addizzjonali wara t-talba għal appoġġ fil-forma ta' self tal-31 ta' Awwissu 2023.
2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel l-appoġġ fil-forma ta' self imsemmi fil-paragrafu 1 disponibbli għall-Greċja fi ħlasijiet parzjali f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni. Ammont ta' EUR 1 654 580 060 għandu jkun disponibbli bħala prefinanzjament f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2021/241. Il-prefinanzjament u l-ħlasijiet parzjali jistgħu jiġu żborżati mill-Kummissjoni f'segment wieħed jew aktar. Id-daqs tas-segmenti għandu jkun soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.”

(4) l-Anness huwa sostitwit mit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni:

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ellenika.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
